# XI ANNIMALI "TA' MALTA"

ta' Ġużi Gatt



CC-BY-SA-3.0 Cephoto, Uwe Aranas

Il-gżejjer ta' Malta u Għawdex mhumiex kbar ħafna u fihom m'għandniex annimali kbar u feroċi bħalma għandhom xi pajjiżi oħra li huma ferm akbar minna. Imma f'Malta u Għawdex xorta għandna xi annimali u tjur li m'hemmx eżatt bħalhom f'pajjiżi oħra. Huma ftit differenti mill-oħrajn, u allura nistgħu ngħidu li huma annimali u tjur "ta' Malta".



Ritratt: Jeffrey u Arnold Sciberras – ilmiklem.com

Għal ħafna u ħafna żmien f'Malta kellna tip ta' ħmar li kien magħruf bħala "l-ħmar ta' Malta". Il-pajjiżi ta' madwarna kollha kienu jafu bih u xtraw minnu u ħaduh f'pajjiżhom. Kellu fama tajba ħafna għax kien bieżel u kien jaf jimxi anke fuq art li tkun imħarbta ħafna. Dan it-tip ta' ħmar konna kważi wasalna biex nitilfuh għalkollox minn pajjiżna, imma xi nies dilettanti qed jippruvaw jiġbru flimkien l-aħħar ftit li fadal biex inisslu iktar minnu.



: https://vassallohistory.wordpress.com/agriculture-in-malta/

Minbarra l-ħmar kellna wkoll il-mogħża ta' Malta. Għal ħafna żmien kienet il-mogħża li tagħtina l-ħalib li nixorbu mat-te u l-kafè. Illum dan il-ħalib neħduh l-aktar mill-baqra, imma matul iż-żmien tnisslet f'Malta għamla ta' mogħża li setgħet tissejjaħ "mogħża Maltija". Illum din ukoll qed nippruvaw insalvawha ħalli ma tintilifx għalkollox.



Semmejna l-baqra, u f'Malta għal ħafna u ħafna snin kellna wkoll il-baqra Maltija, li kienet tintuża mill-bidwi Malti biex jaħrat u jaħdem fl-għelieqi biha. Meta daħlu l-muturi u l-inġenji moderni l-bdiewa abbundunaw il-baqra u bdew jaħdmu b'dawn il-mezzi l-ġodda. Imma issa għandna merħla sabiħa minn dawn il-baqar Maltin u qed jieħu ħsiebhom il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.